MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 626/1996/1

**Swieqi Hardware Store Limited**

**vs**

**Titan International Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Dicembru 2000 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Lulju ta' l-1996 li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta giet imsejha quddiem din il-qorti biex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:-

1. Thallas is-somma ta' sitt mija u disa' u tletin Lira Maltin u sebghin centezmu, (Lm639.70,0), liema somma hija dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' merci lilha mibjugha u kkonsenjati;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Settembru ta' l-1996 li permezz taghha s-socjeta` konvenuta esponiet bir-rispett is-segwenti:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante lis-socjeta` konvenuta m'ghandha taghti xejn lil dik l-attrici u dan kif ser jirrizulta aktar waqt is-smiegh tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda minnha mismugha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:-

1. Illi s-socjeta' attrici intentat il-proceduri odjerni stante li ssostni li kkonsenjat xi merkanzija lis-socjeta` konvenuta u baqghet ma thallsitx ta' tali konsenji;

2. Illi minn naha taghha s-socjeta` konvenuta ssostni li ghalkemm irceviet l-oggetti mertu tal-konsenji tas-socjeta` attrici pero` jirrizulta li kienet giet mitluba

thallas ghalihom meta effettivament gia` kienet ghamlet dan u effettivamentipprezentat dokumenti sufficjenti fejn spjegat l-allegazzjoni taghha;

Ikkonsidrat:

Illi in vista tas-suespost l-allegazzjoni vantata mis-socjeta` attrici ma gietx ippruvata skond il-ligi u konsegwentement din il-Qorti tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza. L-aggravju taghha hu fis-sens illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u allura l-konkluzjoni taghha kienet zbaljata.

F'kazijiet ta' appelli ta' din ix-xorta hu qabel xejn risaput illi Qorti tat-tieni istanza ma kellhiex tissostitwixxi l-apprezzament taghha tal-provi ghal dik ta' l-ewwel Qorti. Dan qed jigi sottolinejat ghaliex proprju f'dan il-kaz l-appell interpost jikkonsisti minn kontestazzjoni ta' dan l-apprezzament tal-provi. Biex allura din il-Qorti ta' revizjoni tasal ghal konvinzjoni differenti fuq il-fatti kif irrizultaw provati hi jehtiegilha tkun sodisfatta illi tezisti raguni serja illi tkun ser tigi kawzata ingustizzja manifesta.

Hafna mill-meritu ta' dan il-kaz jiddependi mill-attendibilita` u l-kredibilita` tax-xhieda li gew prodotti rigwardanti l-ordnijiet pjazzati ghall-materjal mixtri, il-konsenji taghhom u kif dawn gew fatturati. L-apprezzament tal-fatt li allura trid taghmel din il-Qorti hu bazat fuq l-ezami tal-process biex tara jekk fil-verita` jirrizultawx cirkustanzi li manifestament juru li l-ewwel Qorti giet indotta ghal decizjoni zbaljata.

Issa l-elementi ta' fatt emersi f'dan il-kaz mill-atti processwali huma s-segwenti:-

(1) Bejn iz-zewg kumpaniji jirrizulta li kien hemm negozju ghaddej, imhaddem permezz ta' kont miftuh. Issir l-ordni, tinhareg delivery note li tigi iffirmata minn min jircievi l-konsenja u fuq din tigi redatta l-fattura. Fil-kaz li l-

merce tittiehed direttament mill-istore tas-socjeta` attrici kienet issir "bicca karta" ossija "karta ufficjali tal-hanut bl-isem tal-klijent fuqha". Il-fattura kienet tigi ffirmata wkoll minn impjegat tas-socjeta` konvenuta. Gieli anke kien necessitat il-hrug ta' 'credit notes' fil-kaz ta' 'items' ritornati lura. Ara xhieda ta' Pio Pisani a fol 8 u fol 22.

(2) Fl-Affidavit tieghu a fol 20 Terence George Mamo, storekeeper mas-socjeta` konvenuta, jikkonferma l-invoices sottoskritti minnu u l-credit notes. Aktar tard in kontro-ezami (fol 54) jispjega illi l-ordni kienet issir permezz ta' purchase order, isiru d-delivery notes u l-invoices, tigi ricevuta l-konsenja, u l-informazzjoni dwarha tiddahhal fil-computer.

(3) Natasha Micallef (fol 32) tghid li r-redazzjoni tad-dokumenti relattivi kien isir minnha, kompriz l-istatements rapprezentanti l-kont, u l-credit notes.

(4) Mark Vella (fol 51), accountant tas-socjeta` konvenuta ddepona li kien hemm kwestjoni fuq fattura partikolari. Huwa jghid li l-items indikati fuq din l-invoice ma dahlux fl-istock system u jzid jghid li uhud mill-items fuq din l-istess invoice kienu jidhru ripetuti f'invoice ohra. Iktar il-quddiem jghid ukoll illi huma ghamlu 'physical check' u ma rrizultalhomx illi rcevew il-kwantita` mitluba fil-kawza. Dan il-kontroll sar mill-financial controller.

Minn dawn l-elementi ta' fatt din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Jidher li d-diverbju ewlieni u principali bejn il-kontendenti kien jikkonsisti fl-allegazzjoni tas-socjeta` konvenuta illi s-socjeta` attrici kienet ghamlet 'double invoicing' ghall-istess items. Ghal dan is-socjeta` attrici tirribatti illi kienu saru zewg konsenji differenti pero` ghall-istess kwantita` ta' xoghol (ara xiehda ta' Pio Pisani, fol 8). Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta tghid li rceviet konsenja wahda.

(2) Din hi l-kontestazzjoni primarja u allura wiehed jifhem li kien lapsus tal-ewwel Qorti fejn sostniet illi s-socjeta` konvenuta taccetta li rceviet l-oggetti meritu tal-kawza pero` irrizulta li hallset ghalihom. Kuntrarjament ghal dak konkluz mill-ewwel Qorti l-kwestjoni tal-

pagament ma ticcentra xejn f'dan il-kaz u dan lanqas biss ma gie eccepit.
(3) Issa l-kuntrast fil-versjonijiet tal-partijiet ma jistax ihalli lill-Qorti fi stat ta' perplessita` li jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo". Kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta f'kaz bhal dan li ssostni bi provi certi u konvincenti illi kien sar 'double invoicing' tal-istess items.
(4) Il-Qorti ma tarax ghaliex ghandu jkollha suspett fix-xiehda ta' Terence George Mamo, storekeeper tal-istess socjeta` appellata, li kkonferma l-fatturi u li l-oggetti gew ricevuti. L-insinwazzjoni tax-xhud Mark Vella illi speci dak mistqarr mill-imsemmi xhud mhux fededenju ghax dak iz-zmien kellhom fiducja fih, u dawn issa le, ma tistax tigi accettata. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex ma takkordax kredibilita` lill-ispjegazzjoni fornita minn dan ix-xhud jew almenu taccettaha bhala possibbli u verosimili. Ma temminx li dan kien sejjer jispergura ruhu fuq kwestjoni zghira bhal din.
(5) Minn naha l-ohra l-Qorti tinnota illi s-socjeta` konvenuta naqqset milli tipproduci bhala provi korroborattivi l-'purchase orders' li fuqhom gew pjazzati l-ordnijiet. Hekk ukoll naqqset li tipproduci lill-financial controller biex jixhed dwar il-'physical check' li jinghad li sar minnu tal-istock. Naqset ukoll li tesebixxi 'computer print out' ta' x'iddahhal fil-kompjuter taghha relattiv ghal konsenji ta' l-items disputati minnha li gew ricevuti.

Dan premess din il-Qorti ma ssibx li s-socjeta` appellata adegwatament issostanzjat l-eccezzjoni taghha u dippju, fl-evalwazzjoni taz-zewg verzjonijiet, hi tal-fehma illi dik tas-socjeta` attrici appellanti hi aktar attendibbli u allura ghandu jitqies validu l-aggravju taghha. Fic-cirkostanzi li rrizultawlha din il-Qorti ma tistax ghalhekk tikkondividi l-konvinzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi akkolt u s-sentenza appellata revokata. Konsegwentement it-talba attrici kif dedotta kontra s-socjeta` konvenuta appellata qed tigi milqugha. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mis-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------